**Quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji**

**Kaz Nru. 421/2016**

**ZA**

**vs**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**(C2833)**

**Seduta tas-27 ta' Settembru 2017**

**L-Arbitru,**

Ra l-ilment fejn qed jigi allegat li l-ilmentatrici, ZA, kienet marret il- *Bank of Valletta* fil-fergha ta' San Gwann, nhar id-9 t'Awwissu 2013, u ghamlet xi tranzazzjonijiet, fosthom li kkonvertiet *Term Deposit Account* li gie konvertit minn *Euro* ghal *Australian Dollar* fl-ammont ta' €13,502.64, u ddepozitatu kollu f'kont gdid fid-Dollaru Awstraljan.

Illi hija la talbet u lanqas inghatat xi *cash.*

Illi meta staqsiet xi kemm kienu jigu f'*Australian Dollars,* qalulha li jigu xi 18,000 Dollaru Awstraljan.

Hija ma inghatat l-ebda dokument mill-Bank dakinhar tat-tranzazzjoni, imma rceviethom l-Awstralja lejn Dicembru 2013, fejn qalulha li l-ammont ma kienx ta' 18,000 Dollaru Awstraljan imma 15,962.28 Dollaru Awstraljan.

Illi minn dakinhar, it-tifla taghha, AA, li kienet awtorizzata minnha, bdiet tinvestiga l-kaz u tagixxi f'isimha.

Illi kemm l-ilmentatrici, kif ukoll bintha, kienu ezawrixxew ir-rimedji kollha li kellhom inkluza l-*MFSA.*

Illi hija qieghda titlob li tigi rimborzata s-somma li l-Bank qed jghid li kienet irtirat f'*cash* dakinhar tat-tranzazzjoni bl-imghax.

**Ra r-risposta tal-provditur tas-servizz li jghid illi:**

1. Illi, preliminarjament, il-prokura li biha tvanta d-drittijiet il-mandatarja AA, ma gietx awtentikata kif trid il-Ligi u mill-atti jirrizulta li tali prokura la saret skont il-*Hague Rules* u la saret quddiem ir- rapprezentant diplomatiku jew konsulari ta' Malta fl-istat tal-Awstralja fejn allegatament saret tali prokura u, ghalhekk, it-talba attrici hija mill- bidu inammissibbli, irrita u nulla stante illi AA ma ghandhiex il-poter skont tali dokument illi tirrapprezenta lil ZA, li mill-atti jirrizulta li hija l-unika klijent eligibbli li setghet tressaq ilment quddiem is-Sinjurija Tieghu l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji.

2. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imma dejjem in via preliminari, il-prokura hija ukoll nulla, irrita, inammissibbli u invalida ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri, stante illi fl-ebda wiehed mill-poteri imsemmija fl-istess dokument ta' prokura ma jaghti lill-istess prokuratrici id-dritt illi tressaq ilmenti quddiem dan l-Arbitru jew xi Qorti ghan-nom ta' ZA, u ghalhekk, anke kieku il-prokura giet awtentikata skont il- Ligi kif fuq imsemmi, xorta wahda b'tali prokura, AA, ma ghandhiex il-poter illi tressaq dan l-ilment ghan-nom ta' ZA, il-mandatarja, u ghalhekk, it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

3. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imma dejjem in via preliminari, it-talba attrici hija wkoll nulla, irrita, inammissibbli u invalida ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri stante illi l-istess prokuratrici ma hijiex persuna prezenti f'Malta, u dan ma jaghtix lill-istess prokuratrici d-dritt illi

tressaq ilmenti quddiem dan l-Arbitru jew xi Qorti ghan-nom ta' ZA, u ghalhekk, anke kieku il-prokura giet awtentikata skont il-Ligi kif fuq imsemmi, xorta waha b'tali prokura, AA, ma ghandhiex il-poter illi tressaq dan l-ilment ghan-nom ta' ZA, il- mandatarja, residenti fl-esteru u ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti.

4. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, it-talba tal-attrici hija guridikament u fattwalment infondata, stante li tmur kontra il-principju generali tad-dritt *contra scriptum non scriptum testimonium non fertur*. L-ilmentatrici giet provduta bid-dokumentazzjoni kollha minn fejn jirrizulta illi fid-9 ta' Awwissu 2013, meta ZA kienet hawn Malta, hija marret fil-fergha tal-Bank f'San Gwann u fuq struzzjonijiet taghha stess, hija gibdet flus mit-*Term Deposit Account* li kien immatura, gibdet ezattament is-somma ta' tlettax-il elf, hames mija u zewg Ewro u erbgha u sittin centezmu (€13,502.64) mit-*Term Deposit Account.* B'dawn il-flus u ezattament parti minnhom, u cioè, is-somma ta' hdax-il elf u tnejn u disghin Ewro u disghin centezmu (€11,092.90), l-istess ZA, iddepozitathom f'kont gdid li huwa *Fixed Deposit Account* f'munita Awstraljana, liema kont ghandu n-numru 40021795736 li bir-rata korrenti f'dak il-jum, l-imsemmija depozitu ta' hdax-il elf u tnejn u disghin Ewro u disghin centezmu (€11,092.90) gew konvertiti f'dollari Awstraljani $15,962.68, u d-differenza ta' €2,409.74, ZA hadithom in kontanti (*cash*) u dan jirrizulta minn dokumenti u l-ircevuti illi iffirmat ghalihom l-istess ZA fl-istess jum illi ghamlet din it-tranzazzjoni kollha u, cioè, id-9 ta' Awwissu 2013. Kopja ta' dawn id-dokumenti inghatawlha dakinhar stess kif inhija l-prassi kummercjali u certament ma kien hemm l-ebda raguni ghaliex tali kopji ma jinghatawx lill-istess *Account Holder* dakinhar stess.

*5.* Illi, hija gurisprudenza pacifika u kostanti, illi *contra scriptum non scriptum testimonium non fertur* (vide Sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell moghtija fis-27 ta' Mejju 2016, fl-ismijiet **"Philip Gauci et vs Helen Xuereb et".** Fis-sentenza taghha, tal-21 ta' April 2016, l-Onorabbli Prim'Awla tal-

Qorti Civili, fl-ismijiet "**Mercury Investments Limited vs Roberta Grech"** irriteniet hekk:

"*... illi hawnhekk tidhol ir-regola ewlenija fil-qasam procedurali li ma tistax tingieb prova kontra dak li huwa miktub. Ir-regola contra scriptum testimonium non scriptum non fertur, tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tghid dik il-kitba, jekk mhux ghar-ragunijiet serji*."

Vide anke Appell Civili 28 ta' Frar 1997, fil-kawza fl-ismijiet "**Grech Sant nomine vs Farrugia nomine et**" (Vol. Numru LXXXI.II.394), Prim'Awla, 11 ta' Mejju 1988, fil-kawza fl-ismijiet "**Privitera nomine vs Galea nomine**" (Vol. Numru LXXXII.IV.775) u Appell Civili 30 ta' Jannar 1967, kawza "**Zammit et vs Zammit et**" (Vol. LI.I.61), kif ukoll Appell Kummercjali 28 ta' Ottubru 1960, fil-kawza fl-ismijiet "**Lungaro Mifsud nomine vs Polidano et**", (Vol. XLIV.I.267).

Fis-sentenza surriferita "**Mercury Investments Limited vs Roberta Grech**" il-Qorti kompliet hekk:

"*... kemm hu hekk, dwar tali regola huwa stabbilit illi a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba ghandu jitqies illi dawk il-partijiet riedu jiftiehmu dwaru kif fil-fatt imnizzel f'dik il-kitba b) li l-provi orali huma ammissibbli biss biex jiccaraw xi punti dubjuzi fil-kitba c) li l-provi orali jistghu jitressqu biex tigi mfissra ahjar ir-rieda tal-kontraenti fuq dik il-kitba l-izjed jekk dak li inkiteb ikun tnizzel b'mod ambigwu jew biex jigi provat xi fatt incidentali jew accessorju kompatibbli mal-istess kitba u d) ir-regola tibqa' fis-sehh sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm zball jew thalla barra xi patt ghar-raguni specjali.*"

6. Illi, bir-rispett kollu dovut, it-tranzazzjonijiet li ghamlet u iffirmat ghalihom l-istess ZA huma cari u limpidi, kopja tal-istess qieghda tigi hawn esebita bhala Dok. CB1 sa CB4, u dan jittalja wkoll mal-principju generali l-iehor ta' dritt kif enuncjat fil-Kodici Civili taghna, illi meta l-kliem uzat fil- ftehim mhux ambigwu ma hemmx lok ghall-interpretazzjoni. Dan huwa l-

ewwel Artikolu ta' interpretazzjoni illi jemana mill-Kodici Civili fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta. M'hemm xejn, fl-umili sottomissjoni tal-esponenti, ambigwu fid-dokumentazzjoni moghtija lil ZA meta ghamlet it-tranzazzjonijiet taghha fid-9 ta' Awwissu 2013, u ghalhekk mhux lecitu illi wiehed jipprova jestrapola fuq tali dokumenti.

7. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imbaghad, l-ilmentatrici tipprova tintroduci s-suspett tal-firem li gew iffalsifikati u, cioè, li xi hadd iffalsifika l-firem ta' ZA. Dan però, gie kollu mxejjen b'certifikat ta' espert grafologu, ossia kalligrafu, Dottor Juliana Scerri Ferrante, rilaxxat fid-29 ta' Dicembru, 2014, li kopja tieghu qed tigi hawn esebita u immarkata Dokument ittra "JSF1" u li wkoll ma jhalli l-ebda dubbju dwar l-awtenticità tal-istess firem ta' ZA.

8. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, imbaghad, l-esponenti ma tistax tonqos milli tirrileva, illi l-lanjanza li harget biha bint ZA, ossia AA, l-ilmentatrici nomine, jekk jigi permess lilha li tirrapprezenta lil ZA, minkejja l-mankanzi procedurali fuq imsemmija, bdew jitressqu lill-Bank addirittura sena wara illi ZA ghamlet din l-operazzjoni fid-9 ta' Awwissu 2013. Infatti irrizulta illi kien fil-21 ta' Awwissu 2014, illi l-Bank gie avvicinat minn AA dwar dan l-allegat *shortfall* bejn is-somma migbuda minn li huwa *Fixed Deposit* wiehed ghal dik depozitata fit-tieni *Fixed Deposit Acount* f'munita Awstraljana. Jigi umilment sottomess li ma huwiex logiku u lanqas verosimili li jigi dezunt illi li kieku ma kien minnu illi l-istess ZA irtirat il-kontanti *(cash)* fid-9 ta' Awwissu 2013, kienet tqajjem din il- lanjanza tramite bintha biss sena wara u din certament mhix prova illi tghin biex ixxejjen dak illi hemm miktub fl-ircevuti u dokumenti tal-Bank. Lanqas, fl-umili sottomissjoni tal-Bank esponenti, ma ixxejjen xejn mill- prova l-allegazzjoni tal-ilmentatrici nomine AA, illi dakinhar meta saret it-tranzazzjoni fid-9 ta' Awwissu 2013, ma kienux tawha dokumenti l-ufficjali tal-Bank u qalulha li ser jibghatulha d-dokumenti aktar tard. Ma kien hemm assolutament l-ebda raguni valida fil-Ligi, ghaliex il-Bank kellu jaghmel dan, gialadarba din kienet

tranzazzjoni mill-aktar normali li ssir kuljum fejn persuna li jimmaturalha depozitu fiss, tigbed il-flus minn dak id-depozitu u tirrinvestihom f'kont iehor. Id-dokumenti jigu ffirmati dak il-hin u certament ma tistax ZA issostni illi l-Bank qalilha li ser jibghatilha l-inkartament aktar tard.

9. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, il-Bank ma waqafx hemm, u biex ikun prudenti investiga pjenament il-lanjanza tal-istess ZA internament u ma sab l-ebda fondament guridiku u fattwali ghal dak li qed issostni l-ilmentatrici nomine. Sussegwentement, ZA kellha l-opportunità li tressaq din il-lanjanza quddiem l-Awtorità ta' Malta ghas-Servizzi Finanzjarji, u hemmhekk ukoll il-Bank ikkopera pjenament bid-dokumentazzjoni u informazzjoni kollha li talbet l-istess Awtorità sabiex dik l-Awtorità tkun tista' taghmel l-*assessment* taghha u wkoll l-istess Awtorità waslet ghall-konkluzjoni illi, il-lanjanza tal- ilmentatrici ma ghandhiex fondament guridiku fattwali. F'din ir-retroxena, hija l-umili sottomissjoni tal-Bank esponenti, illi dan mhux uzu tajjeb ta' dawn il-proceduri, u meta il-provi kollha juru illi l-pozizzjoni tal-Bank kienet korretta u ma hemm lanqas l-icken prova hlief is-sottomissjoni gratuwita ta' ZA illi hija ma haditx *cash* fl-imsemmi jum li tissufraga t-tezi tal-istess ilmentatrici nomine, allura wara li saru l- investigazzjonjiet, u wara li gie ippruvat illi ma hemm xejn illi minimament wiehed jista' johloq il-minimu suspett illi dak illi qed tallega l-ilmentatrici huwa b'xi mod fondat, dan l-ilment maghmul lis-Sinjurija Tieghu l-Arbitru jkun razenti, frivolu u vessatorju u intiz biss biex jahli l-hin ta' kulhadd partikolarment tal-organu gudizzjarju tal-istat imwaqqaf b'Ligi.

10. Illi, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, l-esponenti, filwaqt illi tannetti d-dokumenti fuq imsemmija, tixtieq umilment tirriserva illi tressaq xhieda ulterjuri, kemm orali u kemm dokumentarja, u kif ukoll taghmel sottomissjonijiet kemm orali u anke dawk fl-iskritt sabiex issostni s-suespost.

Ghar-ragunijiet suesposti, il-Bank esponenti jissottometti illi t-talbiet tal-ilmentatrici nomine ghandhom jigu respinti.

Bl-ispejjez.

**Sema' x-xhieda,**

**Ra d-dokumenti kollha**

**Jikkonsidra:**

**Eccezzjonijiet preliminari:**

Dwar l-ewwel tlett eccezzjonijiet, l-Arbitru ma jara xejn irregolari. Irid jigi accennat li l-proceduri quddiem l-Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji huma regolati mill-Kap. 555 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ma jissemma' xejn mill-htigijiet li jsemmi l-provditur tas-servizz.

M'hemm l-ebda htiega li min jaghmel ilment f'isem haddiehor ikollu xi forma ta' prokura formali. Barra minn hekk, min jiftah kaz quddiem l-Arbitru m'ghandux il-htiega li jkun prezenti f'Malta.

Apparti li dan imkien mhu msemmi fl-istess Kap. 555, l-Arbitru huwa l-entità *ADR* ghal servizzi finanzjarji, u huwa mistenni li jisma' kazi minn klijenti esteri, basta jkunu 'klijenti eligibbli' u ghandhom kaz ma' provditur tas-servizzi finanzjarji kif definit mill-istess Kap. 555.

Dan anke skont l-*ADR Directive* li timponi fuq l-Istat Malti u wkoll fuq l-Arbitru li jisma' kazi dwar '*cross border disputes*', illi hafna drabi jinvolvu li l-ilmentaturi ma jkunux Malta.

Fil-fatt, l-Arbitru digà sema' kazi ta' ilmentaturi li jghixu f'pajjizi diversi, perezempju Cipru, l-Awstralja, Abu Dhabi, l-Ingilterra, ecc.

Ghalhekk, dawn l-eccezzjonijiet qed jigu michuda.

**Fil-Mertu**

Illi dan il-kaz huwa bazikament talba tal-ilmentatrici li qieghda tghid illi mhux minnu li kienet gibdet is-somma ta' €2,409.74, li hija d-differenza bejn is-somma ta' €13,502.64 li kellha fit-*Term Deposit Account* u dak li gie depozitat fil-kont f'*Dollars* Awstraljani u, cioè, s-somma ta' €11,092.90.

Hija tichad li kienet gibdet is-somma li tirrapprezenta din id-differenza f'*cash.*

Min-naha tieghu, il-Bank qed jghid li d-dokumenti u l-investigazzjoni li ghamel l-*Internal Audit* tal-Bank, juru li kollox kien regolari u li l-klijenta kienet verament hadet dik is-somma f'*cash*, liema investigazzjoni li kien ghamel giet anke accettata mill-*Consumers Complaint Unit* tal-*MFSA.*

Mill-provi esebiti jirrizulta li hemm dokumenti li juru li l-ilmentatrici kienet hadet id-differenza li ghamlet l-ilment dwaru, liema dokumenti l-ilmentatrici kienet iffirmat.[1]

Filwaqt li l-ilmentatrici qieghda tghid li din id-differenza ma hadithiex, il-Bank isostni li kemm dawn id-dokumenti, kif ukoll minn investigazzjoni professjonali li ghamel l-*Audit Department*, jidher li t-tranzazzjoni kienet wahda regolari u kollox kien juri li d-differenza fl-ammont kienet tirrapprezenta l-*withdrawal* li kienet ghamlet l-ilmentatrici.

Jirrizulta wkoll li, peress li kien ghadda z-zmien, ma kienx possibbli li jigi esebit filmat tat-tranzazzjoni.

F'dan il-kaz, fejn hemm verzjonijiet opposti, tidhol hafna il-kwistjoni ta' kredibilità.

L-ilmentatrici ittantat tghid li d-dokumenti inkwistjoni ma kienux igibu l-firma taghha. Dan intqal l-ewwel darba lill-Bank u, parti mill-investigazzjoni li ghamel, kienet tinvolvi l-inkariku ta' espert tal-kalligrafija li waslet ghall-konkluzjoni li l-firem kienu kollha tal-ilmentatrici.

F'dan il-kaz quddiem l-Arbitru, l-ilmentatrici wkoll qalet hekk. Bintha, li qieghda tassistiha, xehdet hekk ukoll:

[1] Ara Dok. CB1 sa CB4 a fol 40 et seq.

*"I realised that many of the documents that were supposed to be signed by my mother were not my mother's signature; so my mum is questioning the signatures. That's why we pursued the case because some of her signatures are not hers. I believe that some of the signatures are not my mum's signature."*[2]

Ghalhekk, l-Arbitru wasal biex hu wkoll jahtar espert tal-kalligrafija, izda fil-mori, l-ilmentatrici biddlet il-verzjoni taghha u qalet li ma kienx hemm il-htiega li jigi appuntat espert tal-kalligrafija ghaliex il-firem kienu kollha taghha.

Fuq in-naha l-ohra, hemm verzjoni kostanti, imsahha b'dokumenti li juru li dakinhar tat-tranzazzjoni kien hemm gbid ta' flus mill-ilmentatrici.

Dan iwassal biex l-Arbitru jikkonkludi li l-verzjoni tal-ilmentatrici mhijiex daqstant kredibbli.

Ukoll, meta din il-verzjoni tal-ilmentatrici titqabbel mad-dokumenti esebiti, l-Arbitru ma jibqalux triq ohra hlief li joqghod fuq id-dokumenti.

Fi tranzazzjonijiet semplici bhal dawn, il-firma tal-klijent fuq dokumenti hija ta' importanza kbira, ghaliex kieku ma jkunx hekk, kulhadd jista' jghid li jrid u tikkollassa s-sistema bankarja.

Dan huwa kaz differenti minn ohrajn li jkollu quddiemu l-Arbitru, fejn gieli jkun hemm dubji serji kif jittiehdu certi firem fuq dokumenti kumplikati u teknici, u l-ilmentaturi jintalbu jiffirmaw l-istess dokumenti kultant b'abbuz tal-fiducja li l-klijent ikun ta lill-provditur tas-servizz.

L-Arbitru ra d-dokumenti esebiti, fosthom kif wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu l-*Internal Audit Department* tal-Bank li, mill-hinijiet kif gew illoggjati t-tranz-azzjonijiet u kif tnizzlu, ma jhallu l-ebda dubju dwar il-korrettezza taghhom.[3]

L-Arbitru jara wkoll inkonsistenza fix-xhieda tal-ilmentatrici. Filwaqt li fl-ilment tghid li ma kienux tawha karti dakinhar tat-tranzazzjoni, in kontroezami qalet hekk:

*"Nghid li meta mort il-Bank biex inqieghed il-flus, jista' jkun li tani xi karta, però ilu hafna u ma nahsibx li ghadha ghandi jekk tani xi karta."*[4]

---

[2] A fol 57
[3] A fol 27
[4] A fol 56

Ghalhekk, l-Arbitru ma jistax jasal biex jabbanduna d-dokumenti li juru kif sehhet it-tranzazzjoni, bil-firem tal-ilmentatrici fuqhom, mal-verzjoni li qieghda taghti l-ilmentatrici.

L-Arbitru hu tal-fehma li anke fuq bazi ta' probabbilità, l-ilmentatrici ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha.

Ghalhekk l-ilment mhuwiex wiehed ekwu, gust u ragonevoli u qed jigi michud.

Peress li gew michuda xi eccezzjonijiet tal-provditur tas-servizz, kull parti ghandha ggorr l-ispejjez taghha.

Dr Reno Borg
Arbitru ghas-Servizzi Finanzjarji